MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Numru 11/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

Francis Piscopo ta' 46 sena, bin Lawrence u Josephine nee' Mercieca, imwieled Victoria, Ghawdex fid-19 ta' Novembru 1960 u residenti Flat 3, Sunny Flats, Triq Manuel Magro, Marsalforn, Ghawdex numru tal-karta ta' l-identita' 63960(M)

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Piscopo li gie
akkuzat:

1. talli fit-2 ta' April 2007 ghal habta tal-10:15p.m. gewwa r-Rabat, Ghawdex volontarjament ikkaguna hsara

fuq il-bieb u l-ghamara proprjeta tal-Hotspurs Football Club liema hsara tiskorri s-somma ta’ hamsin Liri Maltin izda ma teccedix is-somma ta’ hames mitt Lira Maltin ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-imsemmi klabb;
2. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-korp tal-pulizija persuni nkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni ta’ dana s-servizz;
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ George Azzopardi minn Victoria sabiex idejqu, jingurjah jew ighamillu hsara;
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil George Azzopardi u lil Marvic Mizzi bi hwejjeg iebsin (hadida);
5. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-imsemmija membri tal-korp tal-pulizija.
6. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubbliku b’ghajjat u glied
7. u fl-ahhar talli sar recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datati 30 ta’ Gunju 1999 u 31 ta’ Lulju 2003.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi migjuba u fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi madanakollu l-Qorti tosserva illi l-parti leza u cioe’ George Azzopardi u Marvic Mizzi rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imputat. Ghalhekk ghar-rigward ta’ dawk l-akkuzi fejn necessarjament hemm bzonn il-kwerela tal-parti leza sabiex l-azzjoni tirnexxi, ma tista’ tinsab l-ebda htija fil-

konfront tal-imputat minhabba tali rinunzja u ghalhekk il-Qorti qieghda tiddikjara l-procediment esawrit fil-konfront tat-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet.

Illi dwar piena l-Qorti qabel xejn sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontrieh ghalkemm fi stadju avvanzat ta’ dawn il-proceduri. Inoltre mill-provi migjuba quddiem il-Qorti jirrizulta ampjament illi l-imputat ghandu problema serja bil-vizzju tax-xorb u ghalhekk hemm bzonn illi din il-probelma tigi ndirizzata kemm ghall-gid ta’ l-imputat kif ukoll ghall-gid tas-socjeta in generali sabiex incidenti simili bhal dak in dezamina ma jergax jirrepeti ruhu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1), 96(a), 95, 338 (dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tiddikjara l-procediment esawrit ghar-rigward tat-tielet (3) u r-raba (4) akkuzi fid-dawl tar-rinunzja tal-parti leza, issibu hati tal-kumplament ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta’ probation u dana ghal zmien tlett (3) snin mil-lum. L-Ufficcjal tal-Probation ghandu jara illi l-hati jinghata l-kura kollha mehtiega ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tax-xorb. Il-Qorti qieghda tordna wkoll lill-hati sabiex ma jersaqx lejn Hotspurs Football Club gewwa r-Rabat, Ghawdex u dana ghat-tlett (3) snin li gejjin.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma joqghodx ghall-ordni moghtija llum jew ghad-direttivi moghtija lilu mill-Ufficcjal tal-Probation bis-sahha ta’ dina l-ordni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ dina s-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------